

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Iżvilupp

2004/2137(INI)

21.3.2005

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar ir-rabtiet bejn immigrazzjoni legali u illegali u l-integrazzjoni ta' l-immigranti
(2004/2137(INI))

'Rapporteur' ta' opinjoni: Alain Hutchinson

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

1. ifakkar li fil-Kunsill Ewropew ta' Tampere fl-1999, ġew stabbiliti l-pedamenti għal politika Ewropea komuni fir-rigward tal-kenn politiku u l-immigrazzjoni, iżda jiddeplora l-fatt li l-iżviluppi f'din id-direzzjoni m'humiex qed isiru malajr daqs kemm kien maħsub;
2. jenfasizza li l-iżvilupp effettiv tal-politiki komuni fir-rigward tal-kenn u l-immigrazzjoni, fir-rispett tad-drittijiet fundamentali hu wieħed mill-proġetti ewlenin fil-qafas tal-kostruzzjoni Ewropea, kif jingħad fit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa;
3. bi ħsiebu juri l-ħtieġa fundamentali li Ewropa mkabbra ta' 25 Membru tfassal programm sħiħ ta' azzjonijiet komuni, li jkun jinkludi kemm miżuri ta' amministrazzjoni u ta' kontroll tal-flussi migratorji, kif ukoll miżuri ta' integrazzjoni tal-popolazzjonijiet immigrati preżenti fit-territorju u li, b'mod partikulari, idaħħal fis-seħħ politika komuni ta' immigrazzjoni;
4. jifraħ bl-adozzjoni min-naħa tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell (Novembru 2004) tal-Programm ta' l-Aja, li jerġa' jafferma, fost affarijiet oħra, il-ħtieġa għal strateġija globali fir-rigward ta' l-immigrazzjoni internazzjonali, "*li tkopri l-fażijiet kollha tal-proċess ta' l-immigrazzjoni u li tqis ir-raġunijiet ewlenin għall-immigrazzjoni, kif ukoll il-politiki fir-rigward tad-dħul, ta' l-ammissjoni, ta' l-integrazzjoni u tar-ri-impatrijazzjoni*";
5. josserva li hu neċessarju għall-Ewropea li jkun hemm immigrazzjoni ekonomika legali u kkontrollata peress illi l-fatt li l-popolazzjoni attiva qed tonqos se jwassal għal tnaqqis ta' madwar 20 miljun ħaddiem bejn l-2005 u l-2030, kif juru diversi studji li saru¹;
6. jikkunsidra li politika migratorja responsabbli għandha tiffoka fuq l-impatt negattiv ta' l-emigrazzjoni ta' persuni kwalifikati fuq l-iżvilupp fil-pajjiżi ta' l-emigrazzjoni u jemmen li l-ġlieda kontra l-faqar tinkludi l-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli fil-pajjiżi milquta;
7. jagħmel sejħa għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali bejn il-KE u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jinqalbu l-effetti devastanti tat-telf ta' l-aħjar imħuħ ('brain drain') fuq dawn il-pajjiżi;
8. jiddispjaċih li l-miżuri meħuda s'issa mill-Kunsill u mill-Istati Membri sabiex jiġu kkontrollati l-flussi migratorji kienu miżuri ripressivi aktar milli miżuri pożittivi u proattivi; ifakkar li strateġiji ppjanati biex jitnaqqas il-faqar, biex jittejbu l-kundizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol, biex jinħolqu xogħlijiet u jiġi żviluppat taħriġ fil-pajjiżi ta' oriġini tal-migranti jgħinu biex, fit-tul, il-flussi migratorji jiġu nnormalizzati.
9. jerġa' jisħaq li jirrifjuta l-idea li ċentri fejn jistgħu jintlaqgħu jew jinżammu immigranti mingħajr dokumenti jew dawk li qed ifittxu kenn politiku jistgħu jitwaqqfu barra mill-fruntieri ta' l-UE, fir-reġjuni li minnhom toriġina l-immigrazzjoni;

¹ World Economic and Social Survey 2004

10. jitlob li jiġu mħarsa d-drittijiet umani ta' l-immigranti meta titħejja l-politika li tipprovdi għar-ritorn tagħhom, peress li l-integrità fiżika u morali tagħhom ma tistax tiġi rriskjata fl-ebda każ; f'dan is-sens, jitlob li jiġi rivedut il-kunċett ta' "pajjiż terz li joffri sigurtà";
11. jišhaq fuq l-importanza li jiġu kkunsidrati l-implikazzjonijiet enormi tal-politika ta' immigrazzjoni ta' l-UE fuq il-politiki ta' żvilupp tal-pajjiżi li m'humiex Membri ta' l-UE u jenfasizza l-hteġa li dawn il-kunsiderazzjonijiet jiġu inklużi fl-istrateġija globali Ewropea fir-rigward ta' l-immigrazzjoni ekonomika;
12. jenfasizza b'mod partikulari l-hteġa li jiġu rduppjati l-isforzi ta' l-UE fil-ġlieda kontra l-faqar fil-pajjiżi minn fejn joriġinaw il-flussi migratorji, fil-kuntest ta' l-Objettivi tal-Millennju, billi jappoġġjaw, fost l-oħrajn, it-twaqqif ta' sistema edukattiva solida u miftuħa għal kulħadd u l-iżvilupp ta' ekonomiji lokali;
13. jenfasizza wkoll li, peress li l-flussi migratorji jiġu wkoll influenzati mill-iżviluppi politiki, kif jixhed il-mod kif kiber in-numru ta' persuni li jitolbu kenn politiku fl-Ewropa mill-bidu tas-snin 90, hemm bżonn li l-Ewropa tipprovdi aktar appoġġ għall-proċess ta' demokratizzazzjoni ta' l-istati, b'mod partikulari dawk fl-Afrika 'l isfel mis-Sahara;
14. iqis li hu essenzjali li jiġu żviluppati programmi ta' informazzjoni u ta' appoġġ legali għall-migranti ekonomiċi fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, bil-għan li l-migrazzjoni ssir għażla hielsu u infurmata minflok għażla ddisprata, u jistieden lill-Kummissjoni biex tiffinanzja dan it-tip ta' programmi;
15. iqis li l-komunità internazzjonali għadha ma rrealizzatx x'potenzjal għandhom il-flus li l-immigranti jibagħtu lura fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom bħala mezz biex jiġu sostnuti il-politiki għall-iżvilupp tagħha u jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri konkreti biex jiġi ffaċilitat it-trasferiment volontarju ta' parti mir-remunerazzjoni ta' l-immigrant lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu/tagħha bi spejjeż minimi, kif suġġerit fil-'Green Paper' dwar il-migrazzjoni ekonomika;
16. jenfasizza wkoll l-effetti negattivi li l-flussi migratorji, b'mod partikulari dawk li jinvolvu ħaddiema speċjalizzati, jista' jkollhom fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom (il-fenomeni tat-"telf ta' l-aħjar imħuħ" magħruf ukoll bħala "brain drain") u jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri konkreti li permezz tagħhom pajjiżi terzi jiġu kkompensati għall-ispejjeż ta' taħriġ ta' migranti speċjalizzati li jħallu pajjiżhom għall-UE, kif suġġerit fil-'Green Paper' dwar il-migrazzjoni ekonomika;
17. iqis li l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u l-kontroll tal-fruntieri ma jistgħu jkunu xejn ħlief aspekk wieħed tal-politika ta' l-UE lejn il-pajjiżi terzi u li għalihom trid tiġi applikata politika attiva għall-iżvilupp tal-pajjiżi ta' oriġini bil-għan li kemm jista' jkun jitnaqqsu l-effetti negattivi ta' l-emigrazzjoni; iqis li l-UE ma tistax tanalizza l-politika tagħha dwar l-immigrazzjoni min-naħa ta' l-interess ekonomiku tagħha biss imma trid tqis ukoll ir-raġunijiet li jobbligaw il-migranti biex jemigraw;
18. jemmen li l-immigrazzjoni tal-massa hija r-riżultat speċifiku ta' ekonomiji li qed ifallu, ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, tal-qasma dejjem tikber bejn il-pajjiżi sinjuri u l-pajjiżi foqra, tal-gwerer ċivili, tal-gwerer għall-kontroll tar-riżorsi naturali, tal-

persekuzzjonijiet politiċi, tad-degradazzjoni ta' l-ambjent, eċċ;

19. jenfasizza li waħda mill-kawżi bażiċi tal-migrazzjoni ekonomika hija l-aspirazzjoni leġittima min-naħa tal-migranti li jissodisfaw il-ħtiġijiet essenzjali tagħhom u li jaħarbu mill-faqar, u għalhekk jitlob li titqies il-politika komunitarja għall-iżvilupp, li bħala għan ewlieni għandha l-ġlieda kontra l-faqar, fil-politika migratorja komuni, bl-iskop li jiġi sostnut l-iżvilupp ta' pajjiżi terzi fir-rigward ta' aċċess għall-edukazzjoni u għas-servizzi tas-saħħa, u li jintlaħqu l-Objettivi tal-Millennju għall-iżvilupp;
20. jappoġġja politika komuni għall-iżvilupp li għandha tgħin biex jitjiebu l-kundizzjoniet ta' l-għajxien fiż-żoni minn fejn toriġina l-immigrazzjoni bil-għan li jiġu eliminati l-kawżi ta' l-immigrazzjoni u li r-ritorn ta' l-immigrant jiġi ffaċilitat;
21. hu tal-fehma li l-istrateġija globali Ewropea fir-rigward ta' l-immigrazzjoni ekonomika għandha tiffavorixxi l-immigrazzjoni organizzata u b'mod partikulari għandha ssaħħa l-ftehimiet bilaterali mal-pajjiżi ta' l-orijini dwar l-amministrazzjoni tal-flussi migratorji; jenfasizza li l-eżerċizzji ta' regolarizzazzjoni huma importanti fil-ġlieda kontra l-ħidma illegali, biex jiġu integrati immigranti illegali fis-soċjetà, u biex jiġi evitat li jiġu sfruttati imma jekk jagħtu sinjali ħżiena lil immigranti potenzjali jista' jkollhom effetti negattivi;
22. jixtieq jenfasizza l-fatt li wieħed mill-vantaġġi ewlenin ta' ftehimiet bilaterali dwar immaniġġjar migratorju huwa li jippermettu li jiġi garantit 'status' legali definit lill-ħaddiema migranti li għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħal ċittadini ta' l-UE, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċertu drittijiet soċjali u ekonomiċi;
23. jenfasizza wkoll li l-konklużjoni tal-ftehimiet bilaterali dwar immaniġġjar migratorju mal-pajjiżi ta' orijini tippermetti li titnieda sħubija kif suppost ma' dawn il-pajjiżi għall-ġlieda komuni kontra l-immigrazzjoni klandestina u l-ittraffikar tal-bnedmin, b'mod partikulari tal-gruppi l-iktar vulnerabbli bħal ma huma n-nisa u t-tfal;
24. jistieden lill-Istati Membri ta' l-UE biex isegwu politika komuni għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni klandestina, l-ittraffikar tal-bnedmin u l-ħidma illegali, permezz tal-koordinazzjoni ta' l-isforzi tagħhom u ta' l-iskambju ta' l-esperjenzi tagħhom, billi jibbażaw l-approċċ tagħhom kemm fuq il-prevenzjoni tal-ħidma illegali kif ukoll billi jippenalizzawha billi jimponu sanzjonijiet kontra intrapriżi li jwettqu attività abbużiva;
25. jinnota li n-nuqqas ta' ftehim dwar it-trasferiment u l-garanzija tad-drittijiet soċjali, bħal ma huma d-drittijiet għal pensjoni u għal alloġġ, jibqa' jkun ta' xkiel li jżomm lil persuni minn pajjiżi mhux fl-UE milli jibdedw ħajja ġdida fil-pajjiż ta' orijini tagħhom u jitlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra din il-kwistjoni meta jkun qed jiġu nneozjati ftehimiet ta' sħubija ma' pajjiżi terzi;
26. iħoss li l-istrateġija globali Ewropea fir-rigward ta' l-immigrazzjoni ekonomika għandha tiffavorixxi wkoll il-miżuri attivi ta' integrazzjoni soċjali u kulturali ta' l-immigranti ekonomiċi fil-pajjiż li jilqagħhom, u fl-istess ħin tipproteġi d-diversità kulturali tagħhom, kif jingħad fil-konklużjoni tal-Kummissjoni fir-rapport annwali tagħha dwar l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni¹;

¹ COM(2004)0508, 16.7.2004

27. iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha ta' l-UE biex jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-drittijiet tal-ħaddiema migranti u tal-familji tagħhom;
28. jilqa' b'ferħ il-miżuri li l-Kummissjoni impenjat ruħha li tieħu biex taffronta l-konsegwenzi speċifiċi ta' l-immigrazzjoni illegali fir-reġjuni ta' barra nett¹ li, minħabba l-pożizzjoni ġeografika, id-daqs żgħir u l-bogħod tagħhom, huma partikolarment sensitivi għall-flussi migratorji illegali;
29. billi hu magħruf li iktar min-nofs tal-migranti huma nisa, jitlob li wieħed iqis il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa migranti meta tkun qed tiddaħħal fis-seħħ politika globali għall-migrazzjoni internazzjonali, billi tiġi inkluża b'mod ċar fl-istadji kollha tal-migrazzjoni d-dimensjoni tas-sess u billi tingħata importanza partikulari lin-nisa fil-politiki ta' integrazzjoni;
30. iqis li l-politika dwar l-immigrazzjoni għandha tiġi integrata fil-politika soċjali u ekonomika ta' l-UE u jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tniedi kampanja attiva ta' informazzjoni fl-Istati Membri ta' l-UE biex jiġu enfasizzati l-effetti pożittivi ta' l-immigrazzjoni u biex jiġu appoġġjati l-isforzi tal-migranti biex jintegraw ruħhom fil-pajjiż li laqagħhom;
31. jaqbel mal-kundanna iebesha tal-Kunsill Ewropew ta' kull forma ta' razziżmu, ta' antisemitiżmu u ta' ksenofobija, u jstieden lill-Kummissjoni biex issegwi l-proposta tagħha biex jitkabbar il-mandat taċ-Ċentru Ewropew għall-Kontroll tar-Razziżmu u l-Ksenofobija sabiex ikun jista' jsir Aġenzija għad-Drittijiet tal-Bniedem.

¹ COM (2004)0343, 26.5.2004, paragrafu 2.3.1 (kommunikazzjoni dwar sħubija msaħħa għar-reġjuni ta' barra nett)

PROCĊURA

Titolu	Ir-rabtiet bejn immigrazzjoni legali u illegali u l-integrazzjoni ta' l-immigranti	
Numru tal-proċedura	(2004/2137(INI))	
Kumitat responsabbli	LIBE	
Kumitat mitlub jagħti opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 28.10.2004	
Koperazzjoni aktar mill-qrib	Le	
'Rapporteur' ta' opinjoni Data tal-ħatra	Alain Hutchinson 6.10.2004	
Diskussjoni fil-kumitat	18.1.2005 21.2.2005	
Data ta' l-adozzjoni tas-suġġerimenti	16.3.2005	
Riżultat tal-votazzjoni finali	favur:	33
	kontra:	0
	astensjonijiet:	0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alessandro Battilocchio, Margrietus van den Berg, Danutë Budreikaitė, Nirj Deva, Koenraad Dillen, Fernando Fernández Martín, Michael Gahler, Hélène Goudin, Jana Hybášková, Filip Andrzej Kaczmarek, Glenys Kinnock, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Ġirts Valdis Kristovskis, Maria Martens, Miguel Angel Martínez Martínez, Gay Mitchell, Luisa Morgantini, Józef Pinior, José Ribeiro e Castro, Toomas Savi, Pierre Schapira, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, María Elena Valenciano Martínez-Orozco et Jan Zahradil.	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marie-Hélène Aubert, Ana Maria Gomes, Fiona Hall, Anne Van Lancker, Manolis Mavrommatis, Mario Mantovani et Gabriele Zimmer.	
Sostituti (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Javier Moreno Sánchez	